MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 25/2005

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundanat thallas l-ammont ta’ erba’ mija hamsa u ghoxrin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm425.41c) danni kollha sofferti mill-attrici per konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fl-10 ta’ Ottubru 2004 bejn il-vettura misjuqa minnek Lancer Gix bin-numru tar-registrazzjoni EAZ 876 u proprjeta ta’ George Galea u dik Peugeot 307 bin-numru tar-registrazzjoni LOU 307, proprjeta ta’ Joseph Timothy Said u misjuqa minn Louise Said.

Dan l-incident gara unikament tort u htija tieghek minhabba illi inti inqast izzomm a proper look-out waqt is-sewqan tieghek.

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz lill-kumpanija

assikuratrici tieghek, u bl-ingunzjoni ghas-ssubizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt.

Ra l-kapitoli ipprezentati mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-27 t'April 2005;

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta msemmija li fiha gew ipprezentati u approvati l-kapitoli u l-anqas ghal dik tallum, minghajr ma gieb ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' LM425.41c danni konsegwenzjali ghall-incident awtomobilistiku ivi msemmi u li sehh fl-10.10.2004 bl-ispejjez inkluza l-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment mal-avviz tat-talba - bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------